TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU 132

KAZ NRU 173

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Mr Joe Tonna

u

Messrs Eden Beach Hotel

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 27 ta' Settembru 1982

Chairman: G A Craig

B'ittra tat-28 ta' Novembru, 1981 il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Joe Tonna mill-Lukanda Eden Beach, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Franco Coleiro filwaqt li l-Eden Beach Hotel kienet rappresentata mis-Sur R Matrenza D.Pol. Econ(Oxon) F.R.Econ.S.

3. Statements of Case

Ghall-appellant gie sottomess li l-appellant gie mkecci ghal raguni li kien fuq is-'Sick leave' u dan mar jahdem xoghol iehor band' ohra. Dan l-appellant jichdu. L-appellant kien irraporta marid fid-29 ta' Ottubru, 1981, fuq certifikat tat-tabib tieghu privat li iccertifikah marid b' Asthenia (depression) ghal erba tijiem. Fil-31 ta' Ottubru, persuna Eric Cutajar mar ghand l-appellant biex imur jaralhom xi xoghol ta' l-ilma li l-appellant kien hadmilhom xi zmien qabel ghax kien hemm xi hsara. L-appellant mar u meta ra x'kienet il-hsara mar fid-dar ta' sid il-hanut u minn hemm gab xi biccie tal-pajpijiet, kolla u ghodda. L-appellant kien biddel hwejjgu ghax min fejn kellu imur igib l-affarijiet kien

.../2

hemm hafna hmieg ta' trabijiet u gebel ghax billi kellu johrog ma huh kellu hwejjeg nodfa fuqu.

Hadd ma ra lill-appellant jahdem u meta l-Management allega li l-appellant harab, dan ma setghax jghamlu ghax kien jigi ghand in-nies. L-appellant isostni li hu hareg mill-bieb principali wara li halla l-pajpijiet u l-ghodda biex sid il-hanut ikun jista jsewwi l-**hsara**. L-appellant ma damx iktar minn hames minuti, hin li zgur hadd ma jsewwi dik il-hsara.

<u>Ghal Lukanda Eden Beach Hotel</u> gie sottomess li l-appellant kien dahal jahdem ma l-Eden Beach Hotel fit 3 ta' April, 1980, u baqa sa kemm gie terminat l-impieg tieghu fil-30 ta' Ottubru, 1981. L-appellant fiz-zmien qasir li dam fl-impieg, barra li nghatawlu diversi twiddib bil-fomm fuq nuqqasijiet fix-xoghol, kellu wkoll ghadd ta' twissijiet bil-miktub, f'Mejju, f'Gunju u f'Lulju ta' 1981, minkejja dan kollu xorta wahda kompla miexi hazin u dan rawh ukoll mhux biss il-Management izda wkoll il-'guests' tal-lukanda, li kellhom l-opportunita li josservaw li ma kienx tabilhaqq jassumi r-responsabbilita tal-kariga tieghu.

L-appellant inqabad jahdem waqt li kien qieghed barra mix-xoghol tieghu bi skuza ta' mard u ried jghati x'jifhem li hu ma kienx jahdem izda kien qed jaghti parir. Fid 9 ta' Novembru, 1981 il-Principal kiteb lill-appellant fejn gharrfu fid-dettal ir-ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg. **Fis**-16 ta' Novembru, intbghatet kopja ta' din l-ittra lid-Direttur tax-Xoghol li taghha irceva "acknowledgement" izda xejn izjed.

.../3

4. Dokumenti Esebiti

Is-Sur France Coleiro ghall-appellant esibixxa dawn id-dokumenti:

i) Official warning lis-Sur J Borg min ghand l-Eden Beach bid-data ta' 23 ta' April, 1982 - Dokument Nru 4

ii) Ittra min ghand residenti ta' l-Eden Beach lill-Management bid-data tas 26 ta' April, 1982 - Dokument Nru 5

iii) Ittra min ghand il-Management ta' l-Eden Beach indirizzata lis-Sur J Borg bid-data ta' 27 ta' April, 1982 Dokument Nru 6

iv) Ittra min ghand il-Managing Director ta' Eden Beach Hotel indirizzata lid-Sur France Coleiro tal-G.W.U. bid-data ta' 27 ta' April, 1982 - Dokument Nru 7

v) Kopja ta' ricetta ta' pilloli mahmula min Dr A Mifsud Bonnici, M.D., B.S.C, bid-data tad- 29 ta' Ottubru, 1981 - Dokument Nru 9

vi) Kopja ta' ittra mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali bid-data tad-29 ta' Ottubru, 1981 lill-appellant - Dokument Nru 10

Is-Sur Richard Matrenza ghal Eden Beach Hotel esebixxa dawn id-dokumenti:

i) Conditions of Employment tal Eden Beach Hotel bid-data ta' 3 ta' April, 1980 - Dokument Nru 12

ii) Official warning lis-Sur Joe Tonna bid-data ta' 26 ta' Mejju, 1981 - Dokument Nru 13

.../4

iii) Official Warnihg lis-Sur J Tonna bid-data tad 18/6/81 Dok Nru 14

iv) Official warning lis-Sur J Tonna bid-data tat 3/7/81 Dok Nru 15

v) Erba kopji ta' "Questionnaire" lir-residenti tal-Eden Beach Hotel datati bix-xahar ta' Ottubru 1981 li gew immarkati bhala Dok Nru 16, 17, 18 u 19 rispettivament

vi) Certifikat mediku ta' Dr A Mifsud Bonnici bid-data tad 29/10/81 fuq Mr Joe Tonna - Dok Nru 20

vii) First certificate tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ta' Joe Tonna bid-data tad-29/10/81 - Dok Nru 21

viii) Ittra minghand il-Managing Director tal Eden Beach Hotel indirizzata lis-Sur J Tonna bid-data tal 9/11/81 - Notice of discharge - Dok Nru 22

ix) Ricevuta ta' oggett registrat bid-data tal-11/11/81 - Dok Nru 23

x) Ittra lid-Direttur tax-Xoghol bid-data ta' 16/11/81 minghand Messrs CIMIRA - Dok Nru 24

xi) Ricevuta ta' ittra mid-Dipartiment tax-Xoghol datata 16/11/81 fuq tkeccija mill-impieg ta' Joe Tonna - Dok Nru 25

xii) Zewg kopji ta' paylists tas-Sur J Tonna bid-data ta' 29 ta' Lulju, 1981 u 27/11/81 li gew immarkati bhala Dok Nru 26 u 27 rispettivament

xiii) Certifikat ta' Temm ta' l-impieg tas-Sur Joe Tonna bid-data ta' 7/12/81 - Dok Nru 28

5. Ghall appellant instemghu dawn ix-xhieda:

Joseph Tonna, Eric Cutajar, France Cutajar, I Decesare, Anthony Buttigieg.

L-Eden Beach Hotel ma pproduciex xhieda.

6. Xhieda fil-qosor

Joseph Tonna minn jeddu qal darba filghodu kien mar ghandu Eric Cutajar biex jitolbu jaghmillhom certu xoghol urgenti ta' l-ilma fil-hanut - ghax ix-xoghol hu kien ghamilhulhom izda hu qallu li ma setghax imur ghax kien bis-'Sick leave' u ghallura talbu imur jurieh kif seta isir ix-xoghol. Fil-fatt mar u sab li kien hemm xoghol haga zghira u qallu li kienet haga li sata jaghmel hu (Eric Cutajar). Kien jaf li kien halla xi pajpijiet meta ghamel ix-xoghol ta' qabel, mar igibhom u urieh kif iwahhalhom u qallu "dan ma dan u dan ma l-iehor u tlaqt". Mar ghand huh u ftit wara il-mara tieghu marret u qaltlu li l-Manager mar ghanda u qalla biex imur ghax-xoghol ghax ried ikellmu. Hekk ghamel u l-Manager qallu "Inti kont qieghed bis-sick leave u hrigt tahdem, u ghaldaqstant gejt sospiz u spicca l-impieg". Zied jghid li hu kull ma kien dam kienu 'forsi hames minuti' ghand Cutajar, telaq il-barra u ma hadem xejn. Meta sar jaf li riedu l-Manager mar ma huh immedjatament.

Fuq il-'Warning' bil-miktub tas-26 ta' Mejju, 1981, ix-xhud qal li dak kien ix-xoghol ta' l-istation waiter izda mistoqsi mit-Tribunal ix-xhud wiegeb li hu kien fuqu, igifieri responsabbilita' ta' l-appellant.

Fuq il-"warning" bil-miktub tat-18 ta' Gunju 1981 qal li il-hin tax-xoghol kien spicca u ghalhekk dak li ghamlu ta' tahtu fil-pool tal-lukanda huma u hergin ma kienx responsabbli ghalieh hu u li hu ma rrappurtax dan l-incident ghax dak il-hin kien hemm id-duty manager u hu kien qed ilesti x-xoghol tac-chits tar-restaurant u kien hiereg ukoll ghax kien qed ittiddel biex johrog ghaliex hu kien johrog warajhom biex jara li telaq kulhadd u hu ma rrappurtax ghax dak il hin stess tela id-duty manager.

Fuq it-tielet 'warning' bil miktub tat-3 ta' Lulju, 1981 li kien jghid hekk:-

'Official Warning'

'Once again it has been felt necessary to give you another warning due to your behaviour on Thursday 2.7.81 after dinner service.

You allowed your staff to indulge in actions unconnected with their duties in the Restaurant, i.e. sitting down together and chatting with female guests, taking photos and playing about with make-up on Jesmond's face.

Certainly, you should have never allowed this to happen in the restaurant, let alone participate in it.

You should exercise more care in the execution of your duties and responsibalitys as Head Waiter if you are really interested in holding on to your position within the Company.

Please note that this is your third and final warning and any further shortcomings in the fullfilment of your duties will lead to dismissal", ix.-xhud mistoqsi mid-difensur tieghu x'kellu xi jghid, wiegeb "L'istaff mhux darba u tnejn kienu jiccajtaw ma residenti; ma kullhadd, mhux ma tfajliet jew irgiel, ma kullhadd", u mistoqsi mic-Chairman x'passi kien ha fuq dan, ix-xhud wiegeb "Jien fuq li gara dan il-kaz ma deherliex kien qed isir xejn hazin, ghaliex dan billi residenti jiccajta u jiehu ritratt - jiehu ritratt l-istaff lill kulhadd - ma deherlix li kien hemm xejn hazin."

Fuq xi rapporti tal-guests li sservizz fir-restaurant kien 'less than expected' ix-xhud qal illi guests qatt ma marru jghidulu fuq hekk hlief xi wiehed l-hemm u l-hawn li kienu jkunu generali u mhux ta' certa gravita. Kien ikollu jghid ma ta' tahtu ghax kien ikun hemm hafna 'covers'.

Fuq kontro ezami ix-xhud qal li hu kien jaf x'kienu id-dmirijiet ta' 'Head Waiter', li hu ma rrisponda l-ebda "warning" ufficjali bil-miktub izda qal x'kellu jghid lill min ipprezentahomlu minkejja l-fatt li kien jaf li dawn il-"Warnings" bil-miktub ikunu mnizzla fir-records personali tieghu, ghax hu ma kellu il-hadd min jiddefendieh u ghax meta ta r-raguni bil fomm hu kien jifhem li jkun wasal bizzejjed.

Ix-xhud kien jaf li il 'guests' kienu jaghtuhom xi "questionaires" biex jirrispondnuhom u kien dejjem jghid lill ta' tahtu biex jaghmlu mill-ahjar. Mistoqsi x'ghamel meta kien hemm l-incident li tieghu qala l-warning tat-18 ta' Gunju, ix-xhud wiegeb li hu kien qed ibiddel,

l-istaff marru jbiddlu u gara li kien hemm ghajjat fil-pool, hareg u sab lil wiehed mill-istaff tiela mil-pool ghax ma setghax johrog mahhom pass pass izda l-incident ma r-rappurtahx ghax kien jaf bih id-duty manager.

Fuq il-kaz li kien jahdem waqt li kien bis-'sick leave' ix-xhud qal li hu mar jaghti parir biss f'emergenza fuq xoghol li kien ghamlu hu. Kien mimnu li hu kien gieb il-pajpijiet u anki kien biddel il-qalziet it-tajjeb u libes qalziet mahmug izda hu parir biss kien ta.

Mistoqsi ir-raguni li qatt ma wiegeb bil-miktub ma spjegax dak li qal fit-Tribunal u wiegeb "Ghaliex stennejt illum! Biex naslu ghall-arbitragg", izda meta baghat ghalih il-Management wara l-ahhar incident, hu kien mar jitkellem darbtejn izda l-Management ma accettax ir-ragunijiet.

Eric Cutajar qal li meta mar ghand l-appellant id-dar (mhux il-lukanda) biex imur jaghmillu xi xoghol ghax kellu il-hsara, dan wieghu li kien bis-'sick leave' izda seta jghidlu x'seta jaghmel biex il-hsara ma tkompliex tizdied, u hekk ghamel. Gabilhom xi pajpijiet ghax kien hemm hsara minn naha ta' barra, dan kien ghal xi 9.30 a.m., l-appellant dahal fil-bitha u qallu "hemm hekk ghandek 'leakage' u tista tirrimedja taghmel bicca fibre jew xi haga hekk," marru hu u l-appellant jixtru bicca fibra, ix-xhud irritorna lejn il-hanut u l-appellant lejn id-dar. Ix-xhud kien cert li pajpijiet ma gibux izda bicca fibre biss. Ftakar li kien ra lill-appellant jnehhi xi qmis "jew xi haga hekk" u ritorna lejn id-dar u qabel hareg libes il-qalziet ta' barra u wara nofs in-nhar ghamel ix-xoghol ix-xhud.

France Cutajar dan ix-xhud qal hafna u hafna drabi li l-appellant ma ghamilx xoghol - dahal u hareg biss, li gie mat-tifel, urieh u hareg u din irrepertija spiss ukoll anzi darba qal "dahal u hareg mill-ewwel", u li mill-bieb dahal u hareg u x-xoghol ghamluh huma ghax l-appellant qallhom kif.

Ian Decesare Ix-xhud qal li fuq telefonata anonima kien mar akkumpanjat mid-Deputy Manager il Hamrun, f'hanut Main Street u sakemm id-Deputy Manager mar jipparkja il-car, rajt lil-appellant diehel f'hanut

.../8

bil-pajpijiet f'idu ma haddiehor. Dan kien meta l-appellant kien bis-'sick leave'. Dahlu fil-hanut u staqsew ghall-appellant. Dak li kien iservi l-ewwel cahad ghal darba darbtejn li l-appellant kien hemm izda wara qal li kien hemm imma hareg. Wara marru id-dar ta' l-appellant u ftit stennew ghax giet il-mara tieghu u x-xhud qalla tghid lir-ragel biex imur il-lukanda ghax jixtieq jarah sa nofs in-nhar u l-appellant mar. Lill appellant ix-xhud biss rah diehel gol-hanut u l-appellant kien ammetta li kien hemm izda mhux jahdem, izda meta rah diehel rah diehel bil-hwejjeg tax-xoghol. Mistoqsi fuq l-erba rapporti tar-restaurnat li gew pprezentati x-xhud qal li kien hemm aktar fejn il-guests jaghmlu ir-rimarki taghhom fuq is-servizz fil-lukanda u r-rimarki tal-guests ma jalterhom hadd u hekk kien hemm xi dubju fuq dik ta' Jane Carmel Glysin ghax hemm alterazzjoni din wiehed jista jaralifejn hemm post ghal suggerimenti biex jitjieb is-servizz din kitbet "courtesy in restaurant" fost affarijiet ohra u b'hekk ikkonferma fejn ghamlet il-vlegga. Mistoqsi kienx gibed l-attenzjoni ghal dawn ir-rimarki ix-xhud qal li lill-appellant "mhux biss kellimtu fir-restaurant u ghadtlu 'isma oqghod attent' imma gibtu l-ufficcju u ghidtlu "Sur Tonna oqghod attent ghaliex qed ikun hawn complaints kontra tieghek. Diga ghandek written warnings, l-affarijiet jistghu jigu kontrik hafna; oqghod attent". Ix-xhud qal li dan ma kienx xoghlu izda kkonferma li gibidlu l-attenzjoni ghal dawn in-nuqqasijiet. Ix-xhud ikkonferma li l-appellant ma kienx xoghlu iservi izda xi drabi serva wkoll u kkonferma wkoll illi d-doveri ta' l-appellant kienu jinkludu illi l-istaff sakemm ghandhom fil-lukanda u ghadhom ma hargux u ma ppuncjawx barra kienu jaqghu taht ir-responsabilita tieghu u li hu ma jitlaqx qabel ma jitlaq l-istaff.

Anthony Buttigieg - ex-Deputy Manager

L-ewwel qal li ma marx jiccekkja il-Hamrun biex jara fejn kien l-appellant meta kien bis-sick leave izda fuq kontro ezami qal li darba meta l-appellant kien bis-sick leave, mar il-Hamrun f'hanut tas-self service mas-Sur Decesare u meta dahlu fil-hanut u staqsew ghalieh qalulhom li kien "hemm imma telaq" u ghalhekk wara marru id-dar ta' l-appellant izda ma kienx hemmhu ghalhekk is-Sur Decesare halla risposta mal-mara biex meta jigi jmur il-lukanda halli jkellmu. Fuq il-"warnings" bil-miktub ix-xhud qal li l-appellant qatt ma iffirmahom izda dejjem qallu li ried ikellem lis-Sur Decesare biex jispjega lilu personali, izda

is-Sur Decesare dejjem informa lix-xhud li l-appellant qatt ma mar ghandu biex ikellmu fuqhom.

7. Sottomissjonijiet Finali

Ghall-appellant gie sottomess li : dwar l-ilmenti mill-klienti kellu dubji serji kemm dawn saru mill-klienti nnifishom ghax ta dawn ma tressqux provi. F'wiehed minnhom fejn kien hemm remarki tajba gew imhassra u saru ohrajn li huma hziena u r-rimarki tajbin gew imhassra bl-istess linka li hemm rimarki miktuba mill-Management.

Sostna li jekk kien hemm twissijiet kontra l-appellant li ma kienx qed jissorvelja lil haddiema tieghu, li kienu qed jaghmlu xi haga m'hiex floka barra r-Restaurant u barra l-hin tax-xoghol tieghu u taghhom ma ghandux htija l-appellant ghax ma hiex responsabbilta ta' Head of Department meta l-haddiema jkunu barra mid-duty taghhom u barra mill-post li tieghu hu responsabbli ghax ghal dan hemm id-duty Manager biex jissorvelja l-lukanda kollha. Kif ukoll li meta l-Head jkun qed jaghmel xoghol iehor barra minn dak li hu nkarrigat ghalieh ma jkunx jista jaghti l-attenzjoni sewwa ta' xi jkunu jaghmlu in-nies ta' tahtu.

Rigward l-appellant ma kontestax it-Twissijet kien hemm xhieda ta' l-appellant stess u tad-Deputy Manager li kkontestawhom verbalment. Inqas ma kien korrett il-Management meta jirreferi ghal "table cloths" meta dawn kienu il-cloths li jaghttu l-istation table.

Li l-impjegati jkunu qed juru xi hbiberija mal-klienti, sakemm din ma taffettwax is-servizz, hafna drabi il-klienti juru kuntentizza meta jaraw din il-familjarita mill-impjegati u fuq dan il-haddiem ma kellux jigi kkastigat.

Li l-appellant gie akkuzat li mar jahdem privat waqt li kien bis-sick leave qatt ma gie pruvat. Hadd ma rah jahdem u ma kien hemm ebda xhieda li l-appellant hadem. Li mar jaghti parir lis-sid tal hanut x'ghandhom jaghmlu biex isewwu l-hsara ma jfissirx li kien qed jaghmel xoghol li jmur kontra l-marda u li l-appellant biddel hwejjeg, kien biss biex ma jhammiġ il-hwejjeg it-tajba li kien ser johrog bihom, peress li fejn hahal biex igibilhom il-pajpijiet biex sid il-hanut jirranga l-hsara, kien hemm hafna hmieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet talab li t-Tribunal isib li l-appellant gie mkecci ghal raguni mhux valida u ghandu jitqies li baqa fl-impieg u jiehu kumpens kif jiddeciedi it-Tribunal.

Ghal Eden Beach Hotel gie sottomess li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma gietx f'daqqa wahda. L-appellant apparti min twissijiet bil-fomm, kienu nghatawlu ghadd ta' twissijiet ufficjali bil-miktub, f'Mejju, f'Gunju u f'Lulju 1981 u f'dawn it-twissijiet qalulu car u tond fejn kien qieghed jonqos mid-dmirijiet tieghu u li b'ghemilu ser jitlef il-post. Ghal dawn it-twissijiet bil-fomm qalaxi skuza izda ma kiteb qatt risposti ghalihom anzi lid-Deputy Manager kien jghidlu li ried ikellem lis-Sur Decesare personali izda dan qatt ma ghamlu kif qal id-Deputy Manager in-nifsu li kien xhud ta' l-appellant kif ukoll ikkonfermah is-Sur Decesare innifsu.

Giet attakkata l-kredibilita tax-xhieda ta' l-appellant fuq kif ipprova fix-xhieda tieghu jaghti li kien qed jahdem privat waqt li kien fuq certifikat mediku. Sostna li l-Principal kellu aktar minn ragun u izjed minn raguni valida u skond il-ligi li jittermina l-impieg ta' l-appellant ghax kien l-appellant innifsu li b'ghemilu u bin-nuqqasijiet tieghu fid-dmirijiet tal-karika li kellu li gab fuqu n-nifsu il-kastig estrem tat-tkeccija minkejja twiddib serju u repetut bil kitba u bil fomm mifruxa fuq perijodu ta' xhur matul is-sena. Ghalhekk it-terminazzjoni tal-impieg ta' l-appellant kienet valida u gusta.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal jiehu in konsiderazzjoni dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz u fuq dak li jirrizulta mill-provi u jkollu jittraskura dak kollu li ma ghandux x'jaqsam mal-kaz. Ikollu wkoll jizen ix-xhieda sewwa f'kaz li jkun sema zewg versjonijiet differenti.

X'ghandu quddiemu t-Tribunal? L-appellant hadem ma l-Eden Beach Hotel ghal sena u seba xhur u f'dan il-perijodu qasir, apparti milli kellu xi rimarki bill-fomm anki personalment min ghand il-Principal, kellu wkoll fi zmien tlett xhur twissijiet ufficjali bil-miktub, barra min rimarki mhux ta' tifhir min xi 'guests' u fl-ahhar waqt li kien bic-certifikat

tat-tabib li anki ccertifikah li seta johrog, mar f'ditta privata biex, skond il-versjoni tal-Principal biex jahdem, skond il-versjoni ta' l-appellant biex jaghti parir kif jissewwa 'leakage' fl-ilma.

Qabel xejn wiehed irid jara il-Principal kellux xi raguni specjali li jaghzel lill-appellant biex jinghata dawn il-warnings kollha f'qasir zmien. Ma deher xejn min l-ebda xhieda li xi hadd mill-Management kellu ghalieh jew li l-appellant ma kienx trattat bhal l-impjegati shabu kollha. Mela dawk l-official warnings ma setghux ikunu fierha biex ixebbuh izda kienu serji bit-tama li jekk u fejn l-appellant naqas, joqghod attent izjed. Dawn l-'official warnings' l-appellant ma ffirmahomx ghax qal li kellu spjegazzjoni tajba ghal kull wiehed minnhom li hu kien ta lid-Deputy Manager bil-fomm biss u mhux bil-miktub, Izda fix-xhieda tieghu id-Deputy Manager qal car u tond li "Meta kull darba li tajtu wiehed minn dawk il-warnings lili qalli li mhux bi hsiebu jiffermahom ghaliex ried ikellem lis-Sur Decesare" ...... Ipprova jiskolpa ruhu,pero jigifieri lili dejjem qalli li ried ikellem lis-Sur Decesare biex jispjega, if there is anything to explain, lilu personali" u mill-istess xhieda tad-Deputy Manager johrog li lis-Sur Decesare, l-appellant qatt ma mar ikellmu. Din l-imgieba it-Tribunal ma jistghax jifimha u l-kelma "Ipprova "...... (jiskolpa ruhu)" turi li id-Deputy Manager ma kienx perswas mir-ragunijiet li sema mill-appellant.

Issa t-Tribunal ma jistghax jifhem li l-appellant qal li ma kellux min jiddefendieh. Seta sab kieku ried u kien kapaci jiddefendi ruhu wkoll kif qal li ghamel mad-Deputy Manager u qal li ried jaghmel mas-Sur Decesare.

It-Tribunal ra bir-reqqa ir-ragunijiet li taw l-Eden Beach Hotel li wasslu ghat-tkeccija ta' l-appellant. Apparti minn rimarki bil-fomm l-ewwel "official warning" kien dak tas-26 ta' Mejju, 1981 "for failing to take action about dirty table cloths covering waiters' side stations' on Thursday 21 May 1981 at breakfast time" Ir-raguni li sema mill-appellant fix-xhieda setghet tinghata lill ta' fuqu ghax kien ikollhom risposta ghaliha. It-Tribunal jinnota li il-warning gie moghoti ghal gurnata wahda biss, dik tat 21 ta' Mejju, 1981 u ma kienetx haga ta' kuljum.

.../12

It-tieni'warning', dak tat-18 ta' Gunju, 1981 kien car hafna u ma kienx bl-ebda mod biex jitfa ir-responsabbilita' ta' dak li ghamlu l-istaff fuq l-appellant ghax mhux hu tefa lill Austin Borg fil pool tal-lukanda izda for "failing to take action and report" u fl-ahhar paragrafu jghidlu hekk:

"As Restaurant Headwaiter you know that you should take immediate action where your staff for whom you are directly responsible misbehave, especially in an appaling manner. At least you should have reported the matter for further action". L-appellant qal li l-istaff kien hareg mir-restaurant u hu kien qed jilbes u ghalhekk ma kellu ebda responsabbilita. Hu minnu li ma kienx responsabbli ghal dak li gara imma billi kien l-istaff tieghu u kien jaf x'gara kellu d-dmir li jirraporta u haga serja li tista twaqqa l-istandard tal-lukanda kellu jinvestigaha u jirrapurtaha. Issa dan il-warning' ukoll ma ffirmahx izda hemm nota fuqu "Mr Tonna said that he wants to speak to you first". It-Tribunal ma ghandu ebda xhieda li l-appellant mar ghand xi hadd responsabbli biex jitkellem fuq dan l-incident.

Fuq it-tielet warning, dak tat 3 ta' Lulju, 1981 it-Tribunal josserva li dak li qal fix-xhieda tieghu l-appellant juri irresponsabilita ghax hemm guests li jiehdu gost b'certu cajt u hemm ohrajn li ma jiehdux u lukanda ma ghandiex tiehu isem hazin inqas ma guest wiehed biss. Dan kien fl-opinjoni tat-Tribunal nuqqas serju.

It-Tribunal ma tax kaz tar-rimarki li jikthu il-'guests' fuq il-formoli stampati. Ghandhom valur limitat ghax dawn ir-rimarki jiddependu minn kemm il 'guest' hu esigenti u ghalhekk jittraskurahom.

Fuq l-ahhar incident li jidher li kienet ix-xghara li qasmet dahar il-gemel, it-Tribunal kellu jizen ix-xhieda ta' l-appellant, u jqabbilha max-xhieda ta' Eric Cutajar, France Cutajar u Ian Decesare. Dawn ma tantx jaqblu u f'certu cirkostanzi importanti ma jqablu xejn. <u>L-appellant</u> qal li Eric Cutajar mar ghalieh halli imur jaghmillu xoghol li kien kaz ta' <u>emergenza</u> u kien fil-<u>hanut Eric Cutajar</u> qal li kien "fil <u>bitha</u> fejn kellna il-mankanza" u li x-xoghol sar wara nofs in-nhar ghax sadanittant ghalqu li stopcock. <u>France Cutajar</u> qal li t-tifel (Eric) mar ghall-appellant "ifittxu biex jghidlu kif ghandu jaghmel" qisu ga kien jaf li

kien bis-sick leave meta fil-fatt sar jaf wara. L-appellant qal li hu mar igib xi pajpijiet u wrieh kif iwahhalhom u qallu "dan ma dan u dan ma l-iehor u tlaqt". Eric Cutajar qal li l-appellant qallu "hemm ghandek leakage u tista tirrimedja billi taghmel certu bicca fibre jew xi haga hekk. Jiena u Tonna hrigna qadja, morrna nixtru il fibra". France Cutajar ma qalx hlief "urieh u rega hareg" "ma ghamel xejnbhu".

Fuq l-ilbies, xehdu li l-appellant kien liebes ilbies tax-xoghol u fuq din hemm xhieda bizzejjed u dan hu indikazzjoni li ix-xoghol kien ser jaghmlu l-appellant ghax kieku kien ser jaghti parir biss seta ma biddel xejn, biss ic-cirkostanzi gew kif gew. Veru li ma hemm ebda xhieda li xi hadd rah frankament jahdem izda it-tezi li mar biex jaghti parir ftit titwemmen fil-fatt anke fl-istatement of case ta' l-appellant insibu "mar fid-dar tas-sid il-hanut u min hemm gab xi biccict tal-pajpijiet, kolla u ghodda. Peress li min fejn kellu jmur igib dawn l-affarijiet kien hemm hafna hmieg ta' trabijiet u gobel, biddel hwejgu." Insibu li ha mieghu il kolla u l-ghodda. Ghalfejn il-kolla u l-ghodda jekk l-appellant kien qal "ara, wahhal dan ma dan" u dak kien kollox.

9. It-tkeccija ta' l-appellant ma kienitx biss fuq l-ahhar incident - marx jahdem jew marx jaghti parir meta hu kien certifikat marid izda seta johrog. Anki meta wiehed ghandu "Astenia" wiehed ma ghandux imur fuq bicca xoghol biex jaghti parir, u dan kien zbal. Izda t-tkeccija ta' l-appellant kienet l-effett kumulattiv ta' agir li ma kienx jixraq ghal kariga ta' Head of Department. Il-Warnings kienu cari u fl-ahhar wiehed il-Management qallu car x'kien ser jigri jekk jerga jkun hemm xi haga ohra. Il-Management ma jehux gost jaghti sensja lil min jkollu snin ta' esperjenza anzi jaraw kif jaghmlu biex izommuh.

10. <u>Award</u>

Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. CRAIG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

27 ta' Settembru, 1982

ja